MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 1679/2005/1

**Malitraco Limited u Alfred Gatt ezercenti l-kummerc taht l-isem tad-Ditta Alf. Gatt Autoparts**

**vs**

**Domenico Savio Micallef**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Ottubru, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"t-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Awissu, 2005 li permezz tieghu l-atturi tallbu sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija sitta u erbghin Liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm346.58) rapprezentanti kwantu ghas-somma ta' Lm326.93 prezz ta' merkanzija debitament mibjugha u

kkonsenjata lill-konvenut mill-atturi fuq ordni u inkarigu tal-istess konvenut skond il-fattura hawn annessa Dok ALF1 u kwantu ghas-somma ta’ LM19.65 rapprezentanti spejjes legali inkorsi mill-atturi skond il-fattura hawn annessa Dok ALF2.

Illi nonstante nterpellat ihallas kemm permezz ta’ ittri interpellatorji datati 10 ta’ Lulju 2003 u 18 ta’ Frar 2005 u kemm b’ittra ufficjali datata 11 ta’ Mejju 2004 dana baqa` inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes inkluz tal-ittra interpellatorja u ittra ufficcjali u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn gie eccepit illi t-talba attrici ghandha tigi michuda stante illi (1) it-talba attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148b tal-Kodici Civili (Kap.16), (2) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut m’huwiex il-legittimu kontradittur f’din il-kawza stante illi ma tezisti l-ebda relazzjoni giuridika bejnu u l-atturi u se mai, l-ammont mitlub huwa dovut minn Micallef Auto Dealer li maghha il-konvenut m’ghandu l-ebda relazzjoni, (3) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost kwalunkwe debitu li l-konvenut seta kellu mas-socjeta` attrici gie mhallas (4) salv eccezzjonijiet ulterjuri

Ra x-xhieda kollha prodotti u d-dokumenti kollha esebiti.

Ra illi b’nota tat-8 ta’ Frar 2006 l-atturi rriducew t-talba taghhom ghas-somma ta’ mitejn u tmenin Liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm280.23) u zammew ferm l-imghax u l-kap ta’ l-ispejjes.

Ra illi fis-seduta tas-6 ta’ Lulju 2006 l-partijiet ttrattaw il-kawza u l-istess kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi kif xehed Peter Grech (direttur tad-ditta attrici) – (fol 37 et seq) – dok PG1 huwa statement illi juri l-invoices

pendenti filwaqt illi dok PG2 huwa record shih tan-negozju illi sar bejn il-kontendenti.

Fi kliem ix-xhud stess imma wkoll kif jidher car mill-istess Dok PG5, l-ittra ufficcjali tal-11 ta’ Mejju 2006 lil Domenico Savio Micallef ma gietx notifikata.

Illi xehed ukoll Sandro Gatt, Manager tad-ditta attrici illi gharaf fl-Awla lill-konvenut bhala klijent tad-ditta attrici u bhala panel beater u sprayer. Ikkonferma illi l-VAT number muri fuq l-invoice kien kkwotat lilhom mill-konvenut stess.

Illi Sandro Gatt anke jikkonferma (fol 41) illi hu stess gieli kellem lill-konvenut dwar l-invoice u dan qatt ma cahad illi kellu jhallas - kien biss igib “xi skuza li ghadu ma thallasx jew skuza ohra”.

Fix-xhieda tieghu tas-16 ta’ Mejju 2006, Sandro Gatt filwaqt illi rriafferma illi jaf lill-konvenut personalment, jghid illi dak iz-zmien tal-konsenja ta’ l-invoice partikolari, zgur illi l-konvenut ma kienx fl-istess negozju ma’ huh. Jghid wkoll illi l-konvenut qatt ma gharraf lid-ditta attrici illi ‘Micallef Auto Dealers’ u ‘Micallef Car Sprayer’ huma zewg garaxxijiet separati, u ghalhekk ma ssirx distinzjoni bejniethom ghax ghad-ditta attrici kien wiehed.

Dwar il-fatt illi dok ALF 1 igib l-indirizz ta’ Micallef Auto Dealer izda Dok PG1 u Dok PG2 igibu l-indirizz ta’ Micallef Car Sprayer, Sandro Gatt jghid illi l-Account huwa wiehed u jinbidel l-indirizz biss jekk l-klijent ikun ta’ struzzjonijiet f’dan is-sens.

Illi l-konvenut stqarr (fol 49 et seq) illi huwa car sprayer u dejjem hekk kien – filwaqt illi jikkonferma illi dak iz-zmien ta’ l-invoice huwa kien jahdem ghal rasu izda illum qieghed bi shab ma’ huh.

Illi l-konvenut jghid wkoll illi “bhala sistema, kif kont naghmel dejjem, il-part kienet tigi delivered lili u jien niffirma ghaliha – din hija procedura normali”. Jikkonferma

wkoll illi dak iz-zmien gieli xtara parts hu ghalih, hekk kif jikkonferma l-VAT Number fuq l-invoice bhala tieghu.

Ikkunsidra :

Illi l-konvenut ressaq risposta bi tlett eccezzjonijiet u jimmerita illi tigi l-ewwel indirizzata l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni peress illi decizjoni fuq dan il-punt jista` jwassal biex ikun superfluwu illi t-Tribunal jaghmel konsiderazzjonijiet ohra.

Illi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni hija bazata fuq l-Artikolu 2148(b) tal-Kap 16, ossia preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax il-xahar.

Ikkunsidra :

Illi mill-provi prodotti, l-invoice iggib d-data tas-17 ta' Ottubru 2000, u fi kliem Sandro Gatt (ghad-ditta attrici) il-konsenja tkun saret mhux bilfors f'dik il-gurnata imma f'dawk l-akkwati.

Illi l-ittra ufficcjali tal-11 ta' Mejju 2004 ma gietx debitament notifikata.

Illi filwaqt illi Sandro Gatt jghid illi kellem lill-konvenut ghall-hlas – pero` hu stess ma jghidx illi l-konvenut wieghed il-hlas – anzi hallas invoices ohra imma mhux din odjerna.

Illi mbaghad il-konvenut bil-gurament tieghu jichad illi Sandro Gatt kien jigri warajh ghall-hlas.

Illi ghalhekk min dan kollu ma jidhirx illi l-perjodu preskrittiv gie b'xi mod li trid il-ligi miksur, u jekk qatt hu l-kaz, sospiz, anke ghaliex il-kawza odjerna giet intavolata fl-24 ta' Awissu 2005.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, u wara illi t-Tribunal ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u jiddikjara l-azzjoni attrici

preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148 (b) tal-Kap 16 u jichad t-talbiet attrici.

Bl-ispejjes kontra l-istess atturi."

L-atturi hassewhom aggravati b' din is-sentenza u appellaw minnha biex jitolbu r-revoka taghha. L-aggravji taghhom jivvertu fuq l-applikabilita`, o meno, ghall-fattispeci tal-kaz tal-preskrizzjoni opposta mill-konvenut skond l-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili;

L-imsemmi artikolu jiddisponi illi "l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut, jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar". Jekk hemm element ovvju f' dan il-provvediment tal-ligi dan huwa r-relazzjoni ma' bejgh bl-imnut;

L-atturi appellanti jqajmu zewg punti f' dan il-kuntest u jsostnu li l-precitat dispost ma huwiex applikabbli ghaliex:-

(i) ghalkemm hu minnu li huma jbieghu prodotti kemm "*wholesale*" kif ukoll b' "*retail*", il-mestjier tal-konvenut hu dak ta' *panel beater* u dan dejjem xtara minghandhom ghall-htigijiet tan-negozju tieghu;
(ii) trattasi ta' eccezzjoni odjuza, f' kaz ta' verzjonijiet konfliggenti, l-interpretazzjoni kellha tkun strettissima u bl-ebda mod imxekkla, lanqas fuq bazi ta' ekwita`;

Biex tinghata twegiba debita lill-punti hekk imqanqla, din il-Qorti tibda biex tosserva illi fl-aggravju taghhom l-appellanti ma jghidux espressament taht liema klassifika, skond huma, kellu jkun karatterizzat il-bejgh tal-prodotti *de qua* imma, semplicement, jillimitaw ruhhom biex jaffermaw li ma kienx jitratta minn bejgh "bl-imnut";

Fil-verita`, id-distinzjoni bejn bejgh bl-ingrossa u bejgh bl-imnut lanqas ma taghmilha l-ligi. Hi biss il-gurisprudenza li ssupplimentat ghal dan, in kwantu rriteniet illi "*il criterio direttivo per distinguere il grossista dal dettagliatore è che il primo vende, per lo piu`, a coloro che commerciano della cosa comprata, mentre il secondo vende per lo piu`, ai consumatori, in piccole quantita` misurata al bisogno di costoro*" (**Kollez. Vol. XIII p 294**. Ara wkoll **Vol. XXXI P III p 235** u "**Joseph Grech -vs- Domenico Savio Spiteri *et***", Appell, 25 ta' Mejju 2001);

Taht dan l-aspett il-ligi civili Taljana hi aktar preciza in kwantu tipprovdi fl-Artikolu 2955 (5) ta' dak il-Kodici illi "*si prescrive in un anno il diritto dei commercianti per il prezzo delle merci vendute a chi non ne fa commercio*" (sottolinejar tal-Qorti). Dan il-ligi taghna ma tghidux u allura huwa logiku illi l-bejgh kontemplat bl-Artikolu 2148 (b) ma huwiex limitat ghall-bejgh minn kummercjant lill-persuna li ma hijiex fil-kummerc. Isegwi, allura, illi kif rilevat f' bosta decizjonijiet tal-Qrati taghna fuq is-soggett, il-kriterju adoperat mhux korrelat mal-persuni, kummercjanti jew le, involuti fix-xiri, imma huma, minflok, jekk il-bejgh sarx bl-imnut jew inkella bl-ingrossa. (Ara "**Emanuele Micallef *et* -vs- Francis Mercieca**", Appell Kummercjali, 26 ta' Mejju 1967). Fi kliem iehor, "fir-rigward ta' l-applikabilita ta' l-art. 2148 (b) … il-ligi ma tharisx lejn dik li tista' tkun abitwalment il-professjoni tan-negozjanti ta' grossita jew minutant, imma thares lejn il-vendita in kwestjoni *per se.*" (**Kollez. Vol. XXXV P II p 613** u **Vol. XLVIII P II p 959**);

F' dan il-kaz it-Tribunal sab li l-bejgh fih innifsu kien bl-imnut u dan avolja l-konvenut kien jiggestixxi negozju ta' "*car sprayer*". Wiehed necessarjament jifhem illi t-Tribunal wasal ghal din id-deduzzjoni kemm fuq il-bazi tal-provi kif ukoll fuq il-bazi tal-kriterju distintiv fuq espress, kompriz f' dan il-kwantitattiv mibjugh. Apparti mill-fatt li l-provi f' dan il-kaz huma kemm xejn wahda neboluzi, jew, ghallanqas, mhux cari bizzejjed, din il-Qorti ma ssibx illi l-vendita` *per se* ma hijiex wahda bl-imnut. Zgur, imbaghad, ma tistax titqies bl-ingrossa sempliciment fuq

il-bazi tal-mestjier tal-konvenut jew in relazzjoni mal-bzonnijiet tan-negozju tieghu. L-ewwel aggravju qieghed ghalhekk jitqies infondat;

Fuq it-tieni punt sottomess jibda biex jinghad illi tezisti gurisprudenza pacifika li ssostni li l-preskrizzjoni hi istitut ta’ interperetazzjoni strettissima (**Kollez. Vol. XLI P I p 546**). Jinghad in fatti f’ dan il-kuntest illi “hi gurisprudenza kostanti ta’ dawn il-Qrati li f’ materja ta’ preskrizzjoni, l-artikoli rilevanti ghandhom jigu applikat rigorozament skond ma hemm provvdut u ma ghandhom, taht l-ebda cirkostanzi, jigu estizi, per ezempju b’ interpretazzjoni, biex ikopru kazijiet li ma jikkontemplawx. Dan ovvjament ghax il-preskrizzjoni fiha nfisha, hija istitut, li ghalkemm socjalment necessarju biex tnehhi kull incertezza fl-istat ta’ dritt, hu fih innifsu istitut punittiv, in kwantu jillimita u jcahhad l-ezercizzju tad-dritt ta’ azzjoni, bis-semplici perkors taz-zmien”. (“**Jean Depasquale *nomine* -vs- David Jones**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 3 ta’ Ottubru 1991 per Imhallef Joseph Said Pullicino;

Huwa evidenti minn din is-silta illi, trattandosi ta’ materja ta’ preskrizzjoni, il-ligi ma tistax tigi supplimentata “*per analogia*”. Jibqa’ l-fatt, pero`, illi, meta applikabbli, kif hekk, skond l-Artikolu 2148 (b), hu l-kaz hawhekk, “il-fondament tal-preskrizzjoni estintiva … hu l-interess li jitqieghed tmiem ghal proponibilita` ta’ l-azzjoni biex l-istat guridiku ta’ l-affarijiet li jkun ezista ghal hafna zmien ma jkunx jista’ jigi skonvolt mill-ezercizzju tardiv ta’ l-azzjoni” (**Kollez. Vol. XXXVII P II p 683**). Isegwi, illi fl-ordinament socio-guridiku l-istitut tal-preskrizzjoni jibqa’ dejjem salvagwardja necessarja tac-certezza tad-drittijiet;

Fid-dawl tal-premessi konsiderazzjonijiet anke dan it-tieni punt ta’ l-atturi appellanti qed jitqies, in bazi wkoll ghal valutazzjoni tal-provi, bhala insostenibbli u t-Tribunal ghamel sew li akkolja l-preskrizzjoni qasira akkampata mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez, anke ta’ din l-istanza, kontra l-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------